MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Numru 903/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Borg)**
**vs**
**Omair Elsadi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Omair Elsadi** ta' 25 sena, bin Mohammed u Sahla *nee'* Adam, imwieled Siria fid-9 ta' Frar, 1979, residenti fl' Islamic Centre, Triq Kordin, Paola w detentur tal-karta ta' l-identita' numru 196502 (L);

Talli f'dawn il-gzejjer f'hanut bl-isem ta' 'Mobile.com' li jinsab f'Ganu Street, Birkirkara, fis-07 t' Ottubru, 2004 u fil-granet u xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

U aktar talli ffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamilt uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zammejt ghandek ghal bejgh jew importajt ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ accessorji ta’ telefon cellulari tad-ditta ‘Nokia’.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt, jew mod iehor ipproduccejt jew ikkopjajt, jew bieghejt, qassamt, jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

U aktar talli, fl-istess perjodu, bil-ghan li tiehu vantagg ghalik nnifsek jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li takkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applikajt fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata, jew bieghejt jew krejt, offrejt jew esponejt ghall-bejgh jew kiri jew qassamt oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-deskrezzjoni taghha, f’kas ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 t’Ottubru, 2004, u n-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f), 298 B Kap 9, u 72 (1) Kap 416.

Tilliberah bil-kundizzjjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum skond l-art 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------